22.2.2024 A9-0053/1

**Emenda 1**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0053/2024**
**Jan Olbrycht, Margarida Marques**
Abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
(05818/2024 – C9-0030/2024 – 2023/0201M(APP))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva**
**Paragrafu -1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Jiddeplora l-fatt li dan ir-rieżami mhuwiex determinat mill-ħtieġa li jiġu indirizzati l-problemi reali ta' kull pajjiż u tal-popli tagħhom, iżda mill-insistenza li tiżdied il-militarizzazzjoni, li jiġu ffinanzjati u estiżi l-gwerra u l-konfrontazzjoni u li jiġi rrifjutat il-ftuħ ta' negozjati bil-għan li tinkiseb il-paċi;*** |

Or. pt

**Emenda 2**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0053/2024**
**Jan Olbrycht, Margarida Marques**
Abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
(05818/2024 – C9-0030/2024 – 2023/0201M(APP))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva**
**Paragrafu -1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Iqis, għall-kuntrarju, li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP għandu jservi primarjament biex jiġu restawrati u msaħħa l-fondi li tnaqqsu, fir-rigward tal-QFP preċedenti, f'oqsma ewlenin bħall-politika ta' koeżjoni;*** |

Or. pt



Magħquda fid-diversità

22.2.2024 A9-0053/3

**Emenda 3**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0053/2024**
**Jan Olbrycht, Margarida Marques**
Abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
(05818/2024 – C9-0030/2024 – 2023/0201M(APP))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva**
**Paragrafu -1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1b. Iqis li dak li huwa meħtieġ huwa li l-baġit tal-UE jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-ħaddiema u tal-popli, b'mod partikolari billi: jappoġġja setturi produttivi, b'mod partikolari f'pajjiżi b'deficits persistenti fil-produzzjoni; itejjeb is-servizzi pubbliċi; iżid l-investiment pubbliku; jappoġġja l-konservazzjoni tan-natura, inkluża l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali; inaqqas l-inugwaljanzi u l-iżbilanċi fl-iżvilupp bejn il-pajjiżi; jippromwovi l-paċi, il-kooperazzjoni u s-solidarjetà bejn il-popli.*** |

Or. pt


Magħquda fid-diversità

22.2.2024 A9-0053/4

**Emenda 4**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0053/2024**
**Jan Olbrycht, Margarida Marques**
Abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
(05818/2024 – C9-0030/2024 – 2023/0201M(APP))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva**
**Paragrafu -1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1c. Jiddeplora l-fatt li, sabiex jiġi indirizzat l-impatt tad-deċiżjoni tal-BĊE li jżid ir-rati tal-imgħax fuq il-pagament tad-dejn imġarrab biex tinħoloq il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ġie miftiehem "mekkaniżmu kaskata" li jipprevedi r-riallokazzjoni ta' fondi minn baġits futuri, inizjalment ippjanati għal oqsma oħra, għall-ħlas tal-imgħax fuq id-dejn imġarrab;*** |

Or. pt


Magħquda fid-diversità